**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M. 10418 — EFMS/Goldman Sachs/Parexel)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 417/09)

1. Fil-5 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EQT IX, ikkontrollata minn EQT Fund Management S.à r.l. ("EFMS", il-Lussemburgu);

— The Goldman Sachs Group ("Goldman Sachs", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Parexel International Corporation ("Parexel", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata esklużivament minn Parexel Investment Holdings, L.P., li min-naħa tagħha hija kkontrollata esklużivament minn fondi mogħtija minn Pamplona Investment Partners, L.P.

EFMS and Goldman Sachs jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Paraxel kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Goldman Sachs hija ditta globali għall-investiment bankarju, għall-ġestjoni tat-titoli u tal-investiment.

— L-EFMS huwa fond ta' investiment EQT li jfittex li jagħmel investimenti primarjament fl-Ewropa, b'enfasi fuq l-Ewropa tat-Tramuntana,

— Parexel iwettaq servizzi ta' esternalizzazzjoni bijofarmaċewtika li jipprovdu sett komprensiv ta' soluzzjonijiet tal-Fażi minn I sa IV għall-kumpaniji bijofarmaċewtiċi tad-dinja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M. 10418 — EFMS/Goldman Sachs/Parexel

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË